

# Programm
# tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ
# SANTA MARIJA
# Patruna tar-Raħal

mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1979

# "ST. PETER"

# Ironmongery & Household Goods

by

## JOSEPH FARRUGIA

Jissupplixxi:

**COOKERS, FRIDGES, WASHING MACHINES,**

**KMAMAR TAL-BANJU,**

**MADUM TA' KULL STIL U KWALITA'**

**MILL-AQWA, ARISTON GEYSERS,**

**STAINLESS STEEL SINKS KIF UKOLL**

**KULL KWALITA' TA' ŻEBGĦA U OĠĠETTI**

**UTILI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI**

---

## ST. PETER

## New Street off tas-Sejba Road,

## Mqabba.

**TEL. No. 821485**

# Jikteb il-Kappillan . . .

Għeżież Imqabbin,

reġa' qiegħed joqrob il-jum tal-ħmistax ta' Awissu, li fih niċċelebraw festa solenni lil ommna Marija Ssma li, flimkien mal-Appostlu missierna San Pawl, hija l-Patruna Prinċipali tal-gżejjer Maltin.

Meta tkun qed toqrob il-festa, kulħadd jibda jaħseb u jipprepara biex jgħaddi l-festa sew. Kollox huwa importanti, t-tiżjin ta' djarna u tat-toroq, in-nar u l-baned, l-ikel u l-ilbies; iżda l-aqwa ħaġa għandha tiġi l-ewwel. Il-festa li se niċċelebraw hija festa reliġjuża, u għalhekk l-aqwa preparazzjoni għandha tkun il-preparazzjoni spiritwali.

Bi preparazzjoni spiritwali nifhem l-ewwelnett li għandna nitolbu iżjed mis-soltu, speċjalment fil-ħmistax il-ġurnata tal-Kwindiċina, li matulhom nimmeditaw il-misteri kollha fil-ħajja tal-Madonna.

Din il-preparazzjoni trid tkompli mbagħad fit-tlett ijiem tat-Tridu billi niġu nisimgħu l-Kelma t'Alla. U hawn irrid nagħmel appell speċjali lix-xjuħ u l-morda kollha biex inħeġġiġkom tiġu għall-funzjoni li ssir apposta għalikom fit-tieni jum tat-Tridu. Din is-sena d-Dilka tal-Morda se jagħmilhielkom Mons. Arċisqof. Il-Knisja lilkom tqiskom bħala membri privileġġjati tal-parroċċa, għax bit-tbatija tagħkom qegħdin tgħinu ħafna fil-ħidma tagħha.

Fl-aħħarnett il-preparazzjoni għall-festa tilħaq il-qofol tagħha bi qrara tajba ħalli nibdew ħajja ġdida, u nkunu nistgħu nqaddsu l-jum solenni tal-festa bit-tqarbin imqaddes.

J'Alla l-festa li se niċċelebraw tressaqna iktar lejn Alla, tkabbar fina l-imħabba lejn ommna Marija, u tgħaqqadna bejnietna bħal familja waħda fejn issaltan l-għaqda, ir-rispett u l-imħabba.

Il-Madonna tixħet il-barka tagħha fuq il-familji kollha tal-Parroċċa.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Dun Anton Vella
Kappillan

# TALBA LILL-VERĠNI MBIERKA

*(Din it-talba għamilha l-Papa Ġwanni Pawlu II meta żar is-Santwarju Marjan fi Guadalupe, l-Messiku, f'Jannar li għadda.)*

O Verġni Immakulata, Omm tal-veru Alla u Omm il-Knisja! Int, li minn dan il-post turi ħniena u mogħdrija lil dawk kollha li jitolbuk biex tħarishom; isma' t-talba li qed nagħmlulek bit-tama, għax aħna wliedek, u wassalha lil ibnek Ġesù, il-Feddej waħdieni tagħna.

Omm tal-ħniena, u Għalliema tas-sagrifiċċju moħbi u sieket, lilek, li tiġi żżurna lilna midinbin, noffru f'dan il-jum lilna nfusna u mħabbitna kollha. Noffrulek ukoll ħajjitna, xogħlna, il-ferħ, il-mard u n-niket tagħna. Agħti s-sliem, il-ġustizzja u r-risq tajjeb lill-poplu tagħna; għax fil-ħarsien tiegħek nafdaw dak kollu li għandna u dak kollu li aħna, O Sinjura u Omm tagħna.

Nixtiequ nkunu kollna tiegħek u miegħek nimxu fit-triq tal-fedelta sħiħa lejn Ġesù Kristu fil-Knisja Tiegħu: żommna dejjem bl-id maħbuba tiegħek.

Verġni ta' Guadalupe... nitolbuk għall-Isqfijiet kollha biex imexxu l-fidili fit-triq tal-ħajja nisranija, tal-imħabba u tas-servizz umli lil Alla u lill-Erwieħ.

Ħares lejn dan il-ħsad kbir u itlob lill-Mulej biex inissel il-ġuħ għall-qdusija fil-Poplu kollu t'Alla, u agħtina ħafna vokazzjonijiet ta' saċerdoti u reliġjużi li huma qawwijin fil-fidi u ministri żelanti tal-Misteri Divini.

Agħlti lill-familji tagħna l-grazzja li jħobbu u jirrispettaw il-ħajja fil-bidu tagħha bl-istess imħabba li biha int nissilt f'ġufek il-ħajja tal-Iben t'Alla. Imqaddsa Verġni Marija, Omm tal-imħabba sabiħa, ħares il-familji tagħna biex ikunu dejjem magħqudin u bierek it-trobbija ta' wliedna.

Tama tagħna, ħares lejna bil-ħniena, għallimna mmorru dejjem għand Ġesù u, jekk naqgħu, għinna nqumu mill-ġdid, biex nerġgħu lura għandu billi nistqarru ħtijietna u dnubietna fis-Sagrament tal-Penitenza li jagħti l-paċi lir-ruħ. Nitolbuk tagħtina mħabba kbira għas-Sagramenti kollha, li huma l-mezz li Ibnek ħallielna fuq l-art.

U hekk, Omm l-aktar qaddisa, bil-paċi t'Alla fil-kuxjenza tagħna, bi qlubna ħielsa mill-ħażen u mill-mibegħda, nkunu nistgħu nġibu lil kulħadd il-ferħ u l-paċi vera, li jaslulna mingħand Ibnek Sidna Ġesù Kristu, li jgħix u jsaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem Amen.

# FESTI TA' BARRA

**It-Tnejn 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina**

8.00 p.m. — Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin KGV. Programm mill-Banda KGV fil-Pjazza.

**Il-Ħamis 9 ta' Awissu — Ħruġ tal-Istatwa**

8.30 p.m. — Wara l-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja, l-Banda DUKE OF CONNAUGHT ta' B'Kara tagħmel marċ mat-toroq tar-Raħal. Mixgħela ġenerali.

**It-Tnejn 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu**

8.30 p.m. — Il-Banda KGV tagħmel marċi brijużi mat-toroq tar-Raħal. Mixgħela ġenerali.

10.30 p.m. — Ħruq tal-logħob tan-nar.

**It-Tlieta 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.30 p.m. — Il-baned QUEEN VICTORIA taż-Żurrieq u SAN NIKOLA tas-Siġġiewi wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba b'marċi, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

10.00 p.m. — Ħruq tal-murtali tal-kulur u beraq pront.

11.00 p.m. — Ħruq tal-logħob tan-nar artistiku.

**L-Erbgħa 15 ta' Awissu — Jum il-Festa**

6.00 p.m. — Il-baned QUEEN VICTORIA u SAN NIKOLA jdoqqu marċi u jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. — Mixgħela ġenerali. Waqt il-ħruġ tal-proċessjoni titkanta l-AVE MARIS STELLA. Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin KGV, il-Banda QUEEN VICTORIA ddoqq **Innu lil Marija Assunta** kitba ta' **Patri J.M. Ghigo S.J.** u mużika tas-**Surmast Kav. G. Martin A.Mus., LCM.** Ikantaw fih it-**Tenur Andrew Sapiano** u l-**Baritonu Joe Fenech** mal-kor tax-Xebbiet.

Waqt il-proċessjoni jsir sparar tal-musketterija, ħruq ta' kaxxi nfernali, beraq pront u murtali tal-kulur.

---

**N.B.** (i) Sett ta' marċi ġodda u l-Innu lil Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq Cable Radio nhar il-festa. Iddoqq il-Banda KGV taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin L.Mus., L.C.M.

(ii) Il-logħob tan-nar, il-kaxxi nfernali u l-beraq pront huma kollha xogħol tad-**Dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.**

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

**It-Tnejn 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina**

6.30 p.m. — Quddiesa kantata solenni, Ċelebrazzjoni biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni ewkaristika.

**Il-Ħamis 9 ta' Awissu — Ħruġ tal-Istatwa**

7.00 p.m. — Quddiesa kantata, Ċelebrazzjoni biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni ewkaristika.

8.00 p.m. — Isir il-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija. Kant tal-Ave Maris Stella u Antifona.

**Is-Sibt 11 ta' Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu**

7.00 p.m. — Quddiesa kantata mill-**W.R. Kan. Antonio Saliba** bl-omelija "Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem".

7.45 p.m. — Ċelebrazzjoni biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni ewkaristika.

**Il-Ħadd 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu**

8.30 a.m. — Quddiesa kantata solenni.

6.30 p.m. — Quddiesa kantata speċjali għall-Morda u x-Xjuħ mill-**Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta** bl-omelija "Marija, Saħħa tal-Morda". Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. — Quddiesa kantata solenni.

7.00 p.m. — Quddiesa kantata mill-**W.R. Kan. Mikiel Saliba** bl-omelija "Marija, Sultana tas-Sema u tal-Art".

7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tlieta 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.00 a.m. — Quddiesa kantata solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa l-**W.R. Dun Anton Vella.** Kant tat-**TeDeum,** Innu u Antifona.

6.30 p.m. — Translazzjoni solenni tar-Relikwija mexxija mill-**W.R. Mons. Lorenzo Zammit:** Quddiesa kantata solenni minn Dun Renè Camilleri, Saċerdot Novell, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni ewkaristika.

**L-Erbgħa 15 ta' Awissu — Jum il-Festa**

5.30 a.m. u 7.00 a.m. — Quddies.
8.00 a.m. — Kant solenni tal-Lawdi.
9.00 a.m. — Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikali mmexxija mill-**W.R. Mons. Lorenzo Zammit** li jinseġ ukoll il-Paniġirku.
10.30 a.m., 11.30 a.m. u 12.30 p.m. — Quddies.
6.00 p.m. — Sekondi Vespri Solenni mill-**W.R. Mons. Lorenzo Zammit**, Salve u Litanija.
7.30 p.m. — Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.
10.00 p.m. — Antifona u Ċelebrazzjoni ewkaristika.

**N.B.** (1) It-Tlieta, lejlet il-festa, jkun hawn **Konfessuri barranin** għall-Qrar.
(2) Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-**W.R. Patri Salv Galea O.P., L.R.S.M.**

**L-Erbgħa 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa**

7.00 p.m. — Quddiesa kantata solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, 'Te Deum' u Ċelebrazzjoni ewkaristika.

---

**MIN IHOBB TASSEW 'IL-MADONNA**

* Ma jidgħix biha . . .
* Hu deċenti fi lbiesu u fi mġiebtu . . .
* Ma joqgħodx mingħajr Rużarju . . .
* Jgħin lil kull min hu fil-bżonn . . .
* Għandu garanzija li jsalva ruħu.

# Rendikont – Festa ta' Santa Marija – 1978

**DHUL**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | £M11.53,2 |
| Ġbir bl-envelopes u offerti oħra | 382.90,0 |
| Reklami | 11,00,0 |
| Ġbir mix-xebbiet | 27.50,0 |
| Kontribuzzjoni għall-elettriku mill-Każin KGV | 19.71,1 |
| **Dħul Totali** | £M452.64,3 |

**HRUĠ**

| | |
|---|---|
| Orkestra | £M148.56,4 |
| Personnel barrani | 35.00,0 |
| Stampar ta' programmi | 25.00,0 |
| Funzjonijiet-Kwindiċina u Festa | 6.25,0 |
| Fjuri u Xorb | 6.18,0 |
| Organista | 10.00,0 |
| Armar fil-knisja | 23.00,0 |
| Daqq tal-Qniepen | 16.00,0 |
| Dawl: Faċċata tal-knisja, kanpnar u koppla | 168.00,0 |
| Konsum tal-elettriku | 13.00,0 |
| **Hruġ Totali** | £M450.99,4 |

**Bilanċ għal din is-sena** **£M1.64,9**

Nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu, speċjalment lis-Sur Eugenio Sciberras li pprovda t-trasport b'xejn, lil Miss M'Antonia Sciberras li ħadet ħsieb iġġorr ix-xjuħ u l-morda bil-karozza tagħha, u lil dawk kollha li għenu mingħajr ebda interessi.

**Dun Anton Vella**
**Kappillan**

# IL-KAŻIN TAL-BANDA
# RE ĠORĠ V

Mill-ftit dokumenti li hemm jiġru 'l hawn u 'l hinn, wieħed malajr jinduna li l-Imqabbin, għalkemm joqogħdu f'raħal żgħir, kellhom l-ambizzjoni tagħhom u l-imħabba għall-kultura.

Għall-ħabta tal-1887 twaqqfet l-ewwel banda fl-Imqabba, b'surmast direttur Edoardo Farina. Iżda minkejja l-isforzi tas-Sur Mikiel Zammit biex il-banda ma tisfrattax, din mietet ħesrem.

Fl-1905 twaqqaf il-**Każin Soċjali Santa Marija** bi president is-Sur Pawl Caruana. Fl-1910, b'tifkira tal-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V, f'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà, inqata' li jinbidel l-isem tas-Soċjetà 'Santa Marija' f'dak ta' 'King George the Fifth'.

Fis-16 ta' Ottubru 1936, il-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter għamel żjara uffiċċjali lill-Każin. Matul il-gwerra tal-1939-1945, mbagħad, serva ta' Uffiċċju tal-Gvern. Fl-1944, billi l-gwerra naqqset mill-qilla tagħha, twaqqfet daqsxejn ta' orkestra mis-surmastrijiet Charles Schembri L.R.S.M., Antonio Mamo L.R.S.M., Espedito Deguara A.L.C.M. u l-Professur Pawlu Carabott. L-ewwel programm immexxi minn Mro. Deguara sar ġor-raħal fit-12 ta' Awissu 1945. Din l-orkestra ġiet mibdula f'banda fl-1947 minn Mro. Giuseppe M. Barbara A.L.C.M. u l-ewwel programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Barbara twettaq fid-29 ta' Marzu 1947.

Fis-6 ta' Ġunju 1948 Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi għoġbu jagħmel żjara lil dan il-Każin tal-Banda.

Fl-14 ta' Novembru 1948, f'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà, ġie deċiż li l-Każin jitkabbar u jissebbaħ skond il-pjanta tas-Sur Ġuże' D'Amato ta' Raħal il-Ġdid, arkitett li għamel il-pjanta tal-knisja kolossali tal-istess post fejn kien qed joqgħod. Ix-xogħol inbeda fit-12 ta' April 1949 u, bis-sagrifiċċji li llum ma jitwemmnux, u minkejja li t-tfixkil ma naqasx, is-suċċess inkiseb sentejn wara fit-13 ta' Mejju 1951.

Fis-sena 1950, sena mqaddsa bid-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem dikjarata mill-Papa Piju XII, il-festa ta' Santa Marija, patruna tal-Imqabbin għal iżjed minn tliet sekli, ġiet ċelebrata b'festi speċjali. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier, il-Ministru tal-



Ġustizzja Dr. Joseph Cassar, u l-Ministru tal-Kummerċ Dr. Carmelo Caruana.

Fit-23 ta' Novembru 1951, Sir Gerald Creasy, Gvernatur ta' Malta, u s-sinjura tiegħu għamlu żjara uffiċċjali lir-raħal fejn ġew milqugħa b'merħba xierqa fil-Każin tal-Banda Re Ġorġ V. Il-Gvernatur spiċċa d-diskors tiegħu b'dawn il-kliem: "L-ikbar sodisfazzjon tiegħi huwa meta niltaqa' ma' Soċjetà żgħira fil-għadd u kbira fl-ispirtu bħalma hija din l-Għaqda".

F'Settembru tal-1960, għeluq il-ħamsin sena tas-Soċjetà Mużikali Re Ġorġ V, saru festi speċjali biex jiġi mfakkar dan il-jum.



For

Car & Bus Hire

PHONE

**ST. JOSEPH GARAGE**

**Tel: 826496**

Proprietor:

**EUGENIO SCIBERRAS & SONS**

**45 & 62, VALLETTA ROAD**

**MQABBA**

# Innu lil Marija Assunta

(rit.) Hallina ntennulek, Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Hallina ntennulek......

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawwra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(rit.) Hallina ntennulek......

Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,
U lilek issellem,
Omm Alla Sultana
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Driegħu rebbieħ.

(rit.) Hallina ntennulek......

**Joseph M. Ghigo, S.J.**